MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 216/2010

**Avukat Dottor Franco Vassallo**
**bhala mandatarju tal-imsiefer A B**
**vs**
**C D gja B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 6 ta’ Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia, il-mandant tal-attur u l-konvenuta sseparaw personalment minn xulxin skond it-termini stipulati fl-istess kuntratt.

Peress illi skond il-klawsola hamsa (5) tal-istess kuntratt, l-attur nomine  obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ elf ewro (€1,000) fix-

xahar bil-quddiem, liema manteniment huwa rivedibbli kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Peress illi sussegwenti ghal din is-separazzjoni personali, l-konvenuta kkommettiet adulterju billi dahlet f' relazzjonijiet intimi ma' Joerg Milkovits u Stefan Marian Pop;

Peress li nonostante dan l-adulterju, il-konvenuta baqghet tinsisti li l-attur nomine jkompli jhallasha l-manteniment pattwit ghaliha nnifisha;

Peress illi dan l-agir tal-konvenuta jintitola lill-attur nomine sabiex jitlob mill-gdid is-separazzjoni personali minhabba l-adulterju tal-konvenuta u b' hekk id-dekadenza taghha mid-dritt li tkompli tircievi minghand zewgha l-manteniment fuq riferit.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta fuq imsemmi;

2. Tistabbilixxi d-data li fiha gie kommess l-adulterju;

3. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet permanentement mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b' effett mid-data fuq stabbilita jew b' effett minn kwalsiasi data ohra li jidhrilha xierqa u opportuna;

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur nommine dik is-somma li tigi stabbilita bhala mhallsa ndebitament minnu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta ssollevat tlett eccezzjonijiiet preliminari li biha qed isostni l-irritwalita’ u n-nullita’ ta’ l-azzjoni kif proposta mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta’ sottomissjonijet tal-partijiet rigwardanti l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi l-gudizzju odjern jirrigwarda l-ewwel tlett eccezzjonijet sollevati mill-konvenuta, li huma f’ dan is-sens:

[1] li l-azzjoni odjerna hija rrita u nulla, stante li hija konfuza billi l-premessi jindikaw ix-xewqa ta’ varjazzjoni ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ezistenti limitatament ghal manteniment pattwit;

[2] li l-azzjoni odjerna hija mproponibbli, u konsegwentement irrita u nulla, stante li ma tistax tigi pronunzjata s-separazzjoni personali mill-gdid bejn il-partijiet, peress li dawn huma diga’ legalment separati;

[3] l-azzjoni hi rrita u nulla, stante li kif proposta tirrigwarda fis-sustanza varjazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni, kif del resto jindika l-uzu tal-procedura tal-medjazzjoni, mentri ma saritx talba appozita ghall-varjazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejn il-parijitet.

Illi din il-Qorti tosserva li mir-rikors guramentat promotur tal-kawza jirrizulta car li, dak li qed jintalab mill-attur mhuwiex biss il-varjazzjoni tal-kawsola numru hamsa [5] tal-kuntratt li tistabbilixxi manteniment pattwit bejn il-partijiet, izda qed tintalab dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenuta ddekadiet permanentement minn kull dritt li titlob manteniment minhabba l-allegat adulterju taghha; mentri l-varjazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni, jekk tigi akkolta din it-talba attrici, hija biss konsegwenzjali ghal din id-dikjarazzjoni.  Ghalhekk il-fatt li ma hemm talba expressa ghall-varjazzjoni tal-kuntratt, ma timminax l-validita’ ta’ l-azzjoni odjerna.

Kunsidrat il-premess, johrog car f' dan il-kaz, ir-rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawzali tat-talbiet.

Illi rigward l-ewwel talba attrici, il-Qorti tosserva li din it-talba hija necessarjament preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta li tkompli tircevi manteniment, u kif abbraccjat mill-gurisprudenza, ma timminax l-azzjoni ta' dekadenza, anzi hija meqjusa bhala talba neccessarja sabiex jgi applikat l-artikolu 48 tal-Kap.16.

In fine huwa palezi li, il-punt dwar jekk it-termini ta' dak pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni jwassalux ghad-dekadenza tad-dritt tal-konvenuta li din tkompli tircevi manteniment minghand zewgha, huwa estranew ghall-vertenza trattata f' dan il-gudizzju preliminari, ghax dak il-punt jirrigwarda l-meritu tal-kawza u l-apprezzament tal-provi li ser jigu prodotti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuta huma nfondati, u ghalhekk qed jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet billi tichadhom; u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------